**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 07 ta' Jannar, 2021**

**Rikors Revoka Nru: 1048/2020 AF**

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 1116/2020 fl-ismijiet:

**ST Hotels Ltd (C-78678)**

**vs**

**Calice Rosso Ltd (C-81795)**

**Pablo Esposito**

**Maria Carriero**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Calice Rossi Limited li, permezz tieghi, ghar-ragunijiet moghtija, din il-Qorti ntalbet thassar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1116/2020 ai termini tal-Art. 836 (1)(f) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li s-socjetà ST Hotels Limited, socjetà sekwestranta baqghet ma pprezentat ebda twegiba ghat-talba. Madanakollu, hija inkarigat avukat li deher ghaliha fl-udjenza.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri.

Ikkunsidrat illi s-socjetà Calice Rosso Limited, permezz ta' din il-procedura qeghda titlob lil din il-Qorti thassar mandat ta' sekwestru mahrug fil-konfront taghha, flimkien ma' Pablo Esposito u Maria Carriero, mis-socjetà ST Hotels Limited sabiex din tal-ahhar tqieghed fis-sod pretensjoni taghha fl-ammont ta' €134,116.34 rapprezentanti hlas ta' kirjiet, kontijiet u penali.

Is-socjetà Calice Rosso Limited isejjes it-talba taghha fuq il-provvediment tal-Art. 836 (1) (f) li jipprovdi ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju.

> *"jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

In sostenn tat-talba taghha, is-socjetà sekwestrata ssemmi biss il-fatt li mandat precedenti bejn l-istess partijiet dwar l-istess kawzali gie revokat mill-Qorti diversament presjeduta. Il-Qorti, madanakollu tinnota illi r-raguni li ghaliha kien gie revokat il-mandat precedenti kienet illi ma kienitx gie intavolata kawza fit-terminu preskritt mil-ligi. Dik ic-cirkostanza issa m'ghadhiex tghodd galadarba effettivament giet intavolata kawza mis-socjetà ST Hotels Limited.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-talba ta’ Calice Rosso Limited.

L-ispejjez jithallsu minn Calice Rosso Limited.

IMHALLEF